# Il-Lsien Għarbi

(*Ta'* FREDU NICHOLAS)

*(Jissokta min-numru ta' qabel mill-paġ. 64)*

Xi wħud igħidu li kienu n-nies tat-tribù ta' l-*Anbar* li daħħlu l-*ħuruf* (ittri) fil-kitba għarbija kif nafuhom il-lum u li dawn ġibuhom mill-kitba ta' l-Aramej li kienu qalbu l-feniċju f'ittri korsivi. Oħrajn igħidu li kien Bixr Ibn Abdel Malek, rajjes ta' Dumet-el-Gandal, fil-ħin li oħrajn jaħsbu li kien Abu Sufjân li ġieb il-kitba għarbija ta' żmienna. Ġiet minn fejn ġiet, kulħadd jaqbel li għal żmien twil dil-kitba kienet biss magħrufa minn ftit nies u meta l-Għarab qalbu għall-Islâm ma kienx hemm ħlief l-Imâm (Mexxej) Ali Ibn Abi Taleb u Omar Ibn El Kħattab li kienu jafu jaqraw u jiktbu. Mela l-lsien, fil-bidu tal-kitba tiegħu, kien il-lsien tal-ftit u fil-mogħdija taż-żmien il-kitba tiegħu xxerrdet fost il-popli li jitkellmuh; dan nistgħu nifhmuh l-għaliex niftakru li dawn il-popli sa ftit taż-żmien ilu kienu għadhom igħixu fl-ikbar faqar taħt ħakma barranija jew taħt il-fewdaliżmu tal-kbarat tagħhom, u dan, għalkemm mhux bħal qabel, għadu sal-lum.

L-iktar ħaġa kurjuża hija li t-Turkija, li taħt il-ħakma tagħha sal-Gwerra tal-1914-18 kellha l-Istati kollha tal-Lvant il-Qarib, kienet l-ewwel waħda li ħasset il-ħtieġa li tkisser il-katina ta' l-imgħoddi u tibdel il-kitba għarbija (li biha kien ukoll jinkiteb il-lsien tork) f'ittri latini. Dina kienet waħda mit-tibdiliet *rivoluzzjonarji* li għamel dak ir-raġel tal-għaġeb: El Għażi Mustafa Kemal.

Il-partitarji tal-qlib għall-ittri latini sabu r-riħ fil-qala' b'din il-bidla u iżjed qawwew qalbhom meta l-għadd tagħhom beda jikber u jixtered mal-Lvant kollu.

X'ikun il-vantaġġ jekk dawn jirnexxilhom l-iskop tagħhom? Fil-fehma ta' dawn ir-riformisti l-vantaġġ ikun li jitħaffef il-vokabbolarju, li l-kitba tkun eħfef u b'hekk tixtered iktar fost il-poplu, li tgħin lill-istudenti fit-tagħlim tagħhom u li l-Lvant jidħol aktar 'il ġewwa fil-familja ta' ġnus u b'hekk ma jibqax magħdud bħala *qasam warrani li jaħtieġlu jkun immexxi minn ħadd-ieħor*. Kemm hemm ħaqq f'dawn ir-raġunijiet kollha jista' jifhmu kull min mhux magħluq fiċ-ċirku tal-fanatiżmu... imma, jaħasra, daċ-ċirku, fil-Lvant il-Qarib, iktar qiegħed jinqafel, l-iktar minn

xħin l-Ewropa hija maqsuma u b'hekk ħtiġilha terħi l-qabda tagħha fuq dawk il-pajjiżi.

IV

U l-kwistjoni għadha sejra dejjem u fiha saħansitra qegħdin jieħdu sehem xi barranin ukoll. Għalhekk ma satax jonqos li aħna l-Maltin nibqgħu lura f'ħaġa li tolqotna mill-qrib iktar minn barranin oħra minħabba x-xebh taż-żewġt ilsna. Għalhekk fl-24 ta' Frar, 1944, meta kont għadni fl-Eġittu, bgħatt studju żgħir lill-Akkademja tal-Lingwa Għarbija bil-ħsieb li nurihom li aħna l-Maltin, li nitkellmu wkoll il-lsien bħal tagħhom, ilna niktbu dan il-lsien b'ittri latini mill-1570; jiġifieri xi 350 sena qabel ma t-Turkija ħolmot li tibdel l-ittri ta' l-alfabet għarbi. F'dan l-istudju tajt storja qasira tal-lsienna minn żmien il-Feniċi sal-lum kif ukoll urejt x'inhu l-alfabet tagħna u kif nistgħu niktbu bih kull kelma tal-lsienna mingħajr l-ebda tfixkil.

X'sar min dak l-istudju qatt ma stajt inkun naf għax, kif għedt fuq, wisq nibża' *li dawk li għadhom maqfulin fiċ-ċirku tal-fanatiżmu*, u li jagħmlu l-kotra tal-membri ta' l-Akkademja ma ħadux pjaċir li wieħed *agnábi* (barrani) u saħansitra *nusrani* mar jissokta jgħin lil dawk li, mingħalihom, iridu jaqilbu wkoll id-Din tal-Muħammed!

V

F'din l-aħħar parti ta' dan l-artiklu, u għat-tagħrif tal-qarrejja, sa nuri, miktub bl-alfabet tagħna xi ftit kliem għarbi kif jitkellmuh fl-Eġittu. Minn dan wieħed jista' jifhem li m'hemm l-ebda toqol żejjed biex jikteb l-Għarbi b'ittri latini kif iridu jagħmlu dawk li jħarsu iktar 'l hinn mit-tarf ta' mneħirhom.

Ma naħsibx li l-*għ* (għajn) kif niktbuha aħna hija ta' ħtieġa li ma tgħaddix mingħajrha għall-kitba Għarbija, u għalhekk hawnhekk din sa nuriha bl-aċċent *imkarkar* (*).

*1. — Rajjeħ il-maktáb badri aħsan ândi xól mistagel gidden.* (Se mmur l-uffiċċju kmieni għax għandi xogħol imgħaġġel ħafna).

*2. — El-Báluk es-Sawári fât mill-Midân ganb serajetWażiret el-Malija.* (It-truppa tal-Kavallerija għaddiet mill-misraħ ma' ġenb il-Palazz tal-Ministeru tat-Teżor—jew tal-Finanzi).

*3. — Ibât er-radd mal-murasla bi súra.* (Ibgħat it-tweġiba mal-messaġġier malajr).

*4. — El-gexx stelem id-dabbabat, et-tajjarat u r-raxxaxat el-*

*gudad*. (L-armata rċeviet it-tankijiet, l-ajruplani u l-*machine guns* il-ġodda).

Jaħtieġ madankollu ingħidu li din hija tarija ċkejkna ħafna, imma minnha wieħed jista' jifhem kemm iwassal fil-bogħod l-alfabet Malti għall-kitba Għarbija; iżda l-alfabet tagħna jonqsu xi ittri li huma meħtieġa għall-Għarbi: bħallikieku ż-żewġ ittri magħquda *kħ* (*) bħal fil-kliem *kħer* (ħajr), *Kħadr* (isem); għal din l-ittra (jew ittri) tista' tidher il-*k* b'tikka fuqha biex tingħażel mill-*k* l-oħra. Imma għad naraw fi żmienna dil-bidla fil-kitba Għarbija? Aħna li nafu tajjeb x'fanatiżmu bħal issa hemm fil-Lvant il-Qarib u x'mibegħda kontra l-barrani, wisq nibżgħu li x-xogħol ta' dawk ta' rieda tajba sa jkun kollu għalxejn.

---

(*) Għat-traskrizzjoni Għarbija nistqarru li l-ittri ta' l-alfabet tagħna mhumiex biżżejjed għaliex xi ħsejjes ta' ittri *gutturali* u ta' ittri *dentali enfatiċi* li jinsabu fil-Għarbi l-Malti tilifhom jew ma kellux mill-bidu. Illi l-*'ain* (il-*għ* tagħna) jew il-*għajn* għarbija ħarxa tfissirhom bil-vokali b'aċċent imkarkar mhuwiex skond il-grammatika u lanqas skond il-fonetika. Il-vokali b'aċċent imkarkar ma tista' toqgħod qatt flok konsonanti sħiħa, bħalma hi l-*għ* fil-Malti u fil-Għarbi. Ix-xogħol tal-vokali b'aċċent imkarkar fil-morfoloġija Għarbija (u xi ftit ukoll fil-Malti) huwa daqsxejn waħda mwiegħer biex tfissru fi ftit kliem skond ir-reguli tal-fonetika.

Il-konsonanti *kħ* insbuha iktarx fit-traskrizzjoni ta' grammatiki tal-Għarbi volgari ta' edizzjonijiet qodma. Il-lum, l-*ħ* (ħarxa gutturali) fil-Malti tħalltet ma' l-*h* aspirata qawwija, u, fit-traskrizzjoni ta' kliem Għarbi tidher *b'ittra waħda*: *ħ* b'sing taħtha jew b'ċirkumfless jew b'qaws taħtha, fil-waqt li l-*h* aspirata gutturali, (jiġifieri l-*ħ* tagħna) tidher bl-ittra *ħ* b'tikka taħtha. Il-*k* b'tikka fuqha dlonk tista' titħallat mal-leħen ta' *qaf* bħalma nsibuha fl-ewwel *Tagħlim Nisrani* ta' Wzzino.

Għal skop etimoloġiku naħseb li jaqbel illi l-ittri li jkollhom jiżdiedu fl-alfabet tagħna jkunu dawk li donk insibu użati fit-traskrizzjoni xjentifika ta' l-Orjentalisti tal-lum bħalma nsibu fi Stumme, Bonelli, Vaccari u sa ċertu pont f'Wright.

(Nota ta' l-EDITUR).